**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 18, 308, 309, 310 u 334 tal-Kapitolu 9;**
**Artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur M'Stella Attard)**

**vs**

**JOSEPH MARY CARDONA**
**(ID: 207668M)**

**CHRISTIAN CARDONA**
**(ID: 348888M)**

**Illum, 25 ta' Frar 2016**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOSEPH MARY CARDONA,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 207668(M)u **CHRISTIAN CARDONA,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 348888(M)

gew imressqa quddiemha u akkuzati talli nhar it-30 ta' Gunju, 2005 u fil-granet ta' wara din id-data f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a. iffalsifikaw biljetti tal-flus kif ukoll mexxew biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' flus Maltin, meta kien jafu li huma falsifikati.

b. u aktar talli, fl-istess data, lok, u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza leggittima jew ragonevoli xtraw jew ircevew minghand xi persuna/i, kif ukoll kellhom fil-pussess taghhom, biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kien jafu li l-istess flus huma falsifikati;

c. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' anqas minn Lm100 ghad-dannu tas-Socjeta' Fal-con Ltd li huma sidien tal-pompa tal-petrol li tinsab Imdina Road, Zebbug.

d. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkommettew serq ta' diesel u/jew petrol mill-istess pompa tal-petrol cioe' Fal-con Ltd li tinsab Imdina Road, Zebbug ghad-dannu ta' din is-Socjeta' cioe' Fal-con Ltd;

e. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom u jew xtraw hwejjeg misruqa, mehudha b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex imexxuhom jew ibieghuhom;

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna ukoll il-konfiska tal-oggetti esebiti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputati mmarkati bhala Dok. MSA1 u MSA2 rispettivament li jinsabu a fol. 8 u 9 u

fedina penali tal-imputati mmarkati bhala Dok. MSA3 a fol. 10 u Dok. MSA4 a fol. 11 tal-process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti kif preseduta nhar il-21 ta' April, 2014 u b'mod permanenti nhar l-20 ta' Novembru 2014 permezz ta' zewg digrieti ta' Assenjazzjoni mill-Prim Imhallef.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-14 ta' Mejju 2007 (fol. 71) liema artikoli gew moqrija f'dik l-istess seduta (fol. 72) u rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz nhar it-2 ta' Frar 2016 meta awtorizzaw lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Rat in-nota tal-kumissarju tal-Pulizija li permezz taghha esebixxa l-fedina penali aggornata taz-zewg imputati.

Illi nhar it-22 ta' Frar 2006 xehdet l-**Ispettur Maria Stella Attard** u spjegat li fit-3 ta' Lulju, tas-sena 2005 irceviet rapport li sar minn certu Henry Falzon u minn certu Joe Falzon bhala Diretturi tal-kumpanija Falcon Limited li hija sitwata fi Triq l-Imdina, Zebbug fejn din tinvolvi stabbiliment ta' pompa tal-petrol, u dawn irrapportaw lil PS 238 Carter li huma kienu ghadhom kif gew fil-pussess ta' flus foloz. Stqarrew li kienu raw video fejn dan il-video juri persuni (li llum huma maghrufa) juzaw flus foloz kif indikat fl-istess video u dan meta kienu qed jiehdu l-petrol f'aktar minn okkazjoni wahda. Hi flimkien ma' PC 1104 li huwa kuntistabbli li huwa residenti s-Siggiewi pero' stazzjonat l-Ghassa ta' Hal-Qormi, marru fl-istabbiliment imsemmi dakinhar stess tar-rapport fejn huma wara raw dan l-istess video u dan PC 1104 identifika l-persuni li ghamlu dawn it-transazzjonijiet.

Fil-fatt irrizulta u dan mill-istess investigazzjonijiet li saru illi fit-30 ta' Gunju, 2005, fl-1 ta' Lulju tas-sena 2005 u fit-3 ta' Lulju tas-sena 2005 kien hemm transazzjonijiet differenti minn dawn il-persuni u persuni ohra fejn ghamlu uzu mill-istess flus foloz. Hi staqsiet lil Henry Falzon u lil Joe Falzon kif dawn innutaw it-transazzjonijiet bil-flus foloz flimkien mal-hin u d-data u huma urewha apparat liema apparat hi ukoll uzatu biex tara effettivament jekk dan jindikax l-istess hin u data meta persuna taghmel uzu minn dawn il-flus sabiex hi tistabbilixxi kif il-video jindika l-hin u d-data li huma kompatibbli mal-hin u d-data li l-istess flus ikunu qeghdin jigu uzati. Spjegat illi wara illi dawn gew identifikati mill-pulizija li semmiet, irrizulta li l-persuni huma Joseph Mary Cardona u Christian Cardona li gharfet bhala l-imputati prezenti fl-Awla u spjegat ukoll illi hemm persuna ohra Roderick Zahra ta' tmintax-il sena (18) u li dan ghandu ghaddejjin proceduri quddiem Qorti ohra fuq l-istess akkuzi.

Sussegwentement dawn il-persuni gew arrestati u gew mehuda l-Ghassa ta' Hal-Qormi. Hemmhekk saret tfittxija fuq il-persuna ta' Joseph Mary Cardona fejn fuq in-naha tal-lemin tal-but tal-qalziet ta' l-istess Joseph Mary Cardona sabu mazz karti konsistenti f'ghaxar lirijat (Lm10) u hames lirijat (Lm5) li inizjalment kienu suspettati li kienu foloz pero' imbaghad mit-testijiet li saru fuqhom irrizulta li ma kienux foloz. Saret tfittxija ukoll fis-St Joseph Farmhouse, Tal-Hrieri, limit tas-Siggiewi fir-residenza tal-imputati u din it-tfittixija ukoll tat rizultat fin-negattiv.

Sussegwentement l-imputat Joseph Mary Cardona ttiehed lura l-Ghassa ta' Hal-Qormi u hemmhekk ittehditlu stqarrija wara li nghata t-twissija skond il-ligi liema stqarrija hija esebita bhala Dok. MSA 5. Ikkonfermat li l-imputat inghata t-twissija skond il-ligi, gharfet il-firma taghha, dik ta' PC 1019 D Farrugia kif ukoll tal-istess imputat Joseph Mary Cardona li ghazel li jiffirma din l-istqarrija. Dawn il-firem gharfithom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija. F'din l-istqarrija l-imsemmi imputat ma cahadx li hu kellu fil-pussess tieghu flus sabiex huwa jaghmel uzu minnhom fl-istess magna tal-pompa tal-petrol maghrufa bhala

Falcon Service Limited. Fil-fatt huwa kkonfermalha li kien hemm dati differenti fosthom it-30 ta' Gunju, tas-sena 2005, fejn hu stess mar ma' ibnu sabiex jaghti l-petrol fuq zewg vetturi differenti cioe' l-vettura BAC 076 ta' kulur ahmar u kif ukoll vettura ohra tal-marka Toyota Hiace ta' kulur abjad u l-imputat Joseph Mary Cardona qal li hu kien mar ma' ibnu Christian Cardona.

Spjegat ukoll illi r-registrazzjoni ta' l-ewwel vettura li semmiet u cioe' tal-BAC 076 kien identifikabbli mill-video li semmiet, u l-vann tal-ghamla Toyota Hiace ta' kulur abjad dehret l-ghamla tieghu pero' mhux ir-registration number. L-imputat Joseph Mary Cardona zied jghidilha kif huwa kien ta l-flus lill-ibnu li kienu jikkonsistu f'hames lirijat (Lm5) sabiex it-tifel ikun jista' jitfa' il-flus fil-magna u Joseph Mary Cardona jkun jista' jaghti d-diesel fil-vetturi. Spjegat ukoll illi f'data minnhom partikolari rrizulta wara li hija osservat il-video flimkien ma' Henry u Joe Falzon kif ukoll ma' PC 1104 illi data minnhom u cioe' fl-1 ta' Lulju, 2005 l-imputat Joseph Mary Cardona baqa' fil-vann u precizament fil-vann Toyota l-abjad filwaqt li Christian Cardona tefa' l-flus fl-istess magna u hu ukoll tefa' il-fuel fl-istess vann. Meta hi lil Joseph Mary Cardona ndikatlu l-flus u kemm anke l-materjal tal-karti ta' dawn il-flus u anke vizwalment ta' kif kien qieghed jarahom, u fil-fatt uriethomlu, huwa cahad li kien jaf li dawn il-flus kienu foloz.

Esebiet ukoll bhala Dok. MSA 6 stqarrija tal-imputat Christian Cardona li gharfitu prezenti fl-Awla. Ikkonfermat li l-imputat Christian Cardona nghata twissija skond il-ligi. Gharfet il-firma taghha, dik ta' PC 1019 D Farrugia kif ukoll tal-istess Christian Cardona li ghazel li jiffirma din l-istqarrija. Dawn il-firem gharfithom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija. Saret ukoll tfittxija ghall-flus fuq il-persuna tal-imputat Christian Cardona u pero' rrizultat fin-negattiv u l-linja tal-istess stqarrija kienet kompatibbli ma' dak li kien stqarr l-imputat l-iehor Joseph Mary Cardona fl-istqarrija tieghu. L-imputat Christian Cardona qalilhom li l-flus kien ghaddihomlu missieru Joseph Mary Cardona. Hija sussegwentement staqsiet ukoll iz-zewg imputati fuq Roderick Zahra fejn huma

nnegaw li kienu jafuh jew li qatt iltaqghu mieghu. Verbalment l-imputat Joseph Mary Cardona u dan fl-istess gurnata cioe' fl-4 ta' Lulju, 2005, dan staqsiha kemm kien hemm ammont minn dawn il-flus u hi jidhrilha u ghalkemm m'hijiex certa li qaltlu li kienu bejn xi hamsa u ghoxrin lira (Lm25) u hamsa u tletin lira (Lm35) u Joseph Mary Cardona qalilha li hu kien lest li jaghmel tajjeb u jhallas ghad-danni u l-istess imputat Joseph Mary Cardona qalilha ukoll illi kien lest li jiffaccja min kien ghamel ir-rapport u dan ghall-identifikazzjoni.

Fil-fatt l-imputat Joseph Mary Cardona ma kienx cahad li kien ghamel uzu mill-pompa tal-petrol flimkien ma' ibnu Christian. Saret ukoll identifikazzjoni gewwa l-Ghassa ta' Hal Qormi dakinhar stess u spjegat li hi f'dan l-istadju semghet lill-imputat Joseph Mary Cardona jghid lil Joseph Falzon li huwa kien lest li jghaddilu l-flus. Hija mbaghad spjegat lill-imputat Joseph Mary Cardona x'kienet il-procedura. Joseph Falzon irrifjuta li jinghata l-flus ghaliex huwa kien garrab konsegwenzi kbar fuq dawn il-flus ghall-kumpanija tieghu.

L-Ispettur esebiet hames (5) karti li jindikaw denominazzjoni ta' hames liri (Lm5) u kull karta minnhom hemm karta li qeghda bil-kliem li tindika r-receipt number bil-hin li din il-karta tkun iddahhlet fil-magna. Xtaqet taghmel korrezzjoni fis-sens illi dawn il-hames (5) karti li qed tesebixxi fuq tlieta (3) minnhom il-karta li hemm hija konsistenti fl-ircevuta, fuq tnejn (2) l-ohra hemm biss in-numru tal-ircevuta u l-hin ta' meta gew imdahhla l-flus. Dawn il-hames (5) karti gew esebiti u mmarkati bhala Dok. MSA 7. Dawn gew mghoddija lilha minn Joseph Falzon.

Illi nhar it-22 ta' Frar, 2006 xehed **PC 1019 David Farugia** u muri d-dokument Dok. MSA 5 spjega li hija stqarrija tal-imputat Joseph Mary Cardona li qed jaghrfu hemm prezenti fl-Awla u kkonferma li hu kien prezenti ghat-tehid ta' din l-istqarrija. Ikkonferma li l-imputat inghata twissija skond il-ligi. Qieghed jaghraf il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Maria Stella Attard kif ukoll tal-imputat

Joseph Mary Cardona li dan ghazel li jiffirma din l-istqarrija u dawn il-firem qed jaghrafhom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija.

Qed jigi muri d-dokument Dok MSA 6 li hija stqarrija tal-imputat l-iehor Christian Cardona li hu qed jaghraf prezenti fl-Awla. Ikkonferma li l-istess imputat inghata twissija skond il-ligi. Qieghed jaghraf il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Maria Stella Attard u kif ukoll tal-imputat Christian Cardona li ghazel li jiffirma din l-istqarrija u dawn il-firem qed jaghrafhom kull fejn jidhru fuq din l-istqarrija.

Spjega ukoll li hu kien prezenti meta saret it-tfittxija fuq il-persuni tal-imputati. In kwantu fil-kaz tat-tfittija li saret fuq il-persuna ta' Joseph Mary Cardona dan irrizulta li dan kellu xi flus fuqu. In kwantu ghat-tfittxija li saret fuq l-imputat l-iehor Christian Cardona din kienet negattiva.

Illi nhar it-22 ta' Frar, 2006 xehed **PC 1104 Silvio Spiteri** u spjega li f'Lulju tas-sena 2005 kienu qeghdin jinvestigaw xiri ta' petrol u fuel u kellhom *complaint* li dan ix-xiri kien sar bi flus foloz. Spjega li dan sar fuq rapport li kien sar minn Joseph Falzon ta' Falcon Service Station. Spjega illi wara li dahal ir-rapport marru fuq il-post u marret mieghu l-Ispettur Maria Stella Attard. Dahlu, bdew jitkellmu ma' ta' Falzon, dawn urewhom video, liema video kien juri recording. Huwa gharaf lil Joseph Mary Cardona fuq dan il-video u gharfu hemm prezenti fl-Awla bhala wiehed mill-imputati. Huwa gharaf lill-imputat Joseph Mary Cardona. Fuq il-video kienet tidher persuna ohra mieghu pero' il-persuna l-ohra ma jafhiex. Jaf ukoll illi fuq l-istess video kien jidher persuna ohra.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami spjega illi huwa lil Joseph Mary Cardona kien jafu. Jafu li ghandu hanut tal-laham u ukoll jafu li jmur il-horse races. Pero' lil Joseph Mary Cardona ma kienx jafu in konnessjoni ma' investigazzjonijiet tal-pulizija u jaf li huwa minn Haz-Zebbug. Dwar dan il-

video kkonferma li dakinhar huma kienu raw dan il-video pero' x'sar minnu wara ma jafx. Spjega illi f'dan il-video Joseph Mary Cardona darba deher. Gie mistoqsi mid-difiza jekk f'din id-darba li deher l-imputat Joseph Mary Cardona jafx kemm kienu l-flus involuti fit-transazzjoni jidhirlu li f'din l-okkazzjoni kien darbtejn illi ntefghu l-flus. Ma jiftakarx jekk kienx l-imputat Joseph Mary Cardona li tefa' il-flus jew il-persuna li kienet qeghda mieghu.

Illi nhar id-29 ta' April 2011 xehed **Joseph Bonnici** u spjega li huwa kien qed jixhed in rapprezentenza tal-Bank Centrali u spjega li huwa ghadu kif gie ezentat mis-sigriet bankarju mill-Qorti. Muri l-kontenut ta' Dok. MSA 7 li huma hames (5) karti tal-hames (5) liri Maltin allegatament foloz. Huwa ezaminhom u spjega illi effettivament mill-ezami li ghamel seduta stante , dawn il-hames (5) karti tal-hames (5) liri Maltin huma kollha foloz u ghar-ragunijiet segwenti: l-ewwel fatt illi l-karta ta' dawn il-hames (5) karti tinhass differenti mill-karta tal-flus originali. Fuq tlieta (3) minn dawn il-karti s-*serial number* huwa l-istess cioe' s-*serial number* B0267733468 u t-tlett (3) karti ghandhom dan l-istess *serial number*. Spjega illi dawn il-hames (5) karti ghandhom kwalita ta' *printing* baxxa hafna. Spjega illi s-*security thread* hija *printed,* fil-hames (5) karti li ezamina ma hemmx *watermark*. Kull wiehed minn dawn id-difetti li semma' huwa bizzejjed biex jiddikjara karta bhala li tkun karta ta' flus falza.

Illi nhar id-29 ta' April, 2011 xehed **Joseph Falzon** u muri l-kontenut tad-Dok. MSA 7 konsistenti f'hames (5) karti tal-hames (5) liri Maltin allegatament foloz, spjega li huwa kien qieghed isib flus foloz li kienu intefghu fil-magna tal-*petrol station* tieghu li qeghda Haz Zebbug quddiem l-istabbiliment tat-Toyota. L-istabbiliment tieghu jismu Auto Market Service Station u l-kumpanija tieghu hija l-kumpanija Falcon Co. Ltd. Spjega illi dawn il-hames (5) karti li ghadu kif ra, kien sabhom fil-magna li jintefghu l-flus fiha. Huma kienu ghamlu sistema li l-flus jaqghu stekkjati wahda fuq 'l ohra. U hu jnkun jaf x'hin dawn il-flus ikunu intefghu fil-magna. Bil-*cameras* ukoll ikun jaf min ikun tefa' dawn il-

karti tal-flus. Meta huwa kien ra l-*cameras* u mbaghad il-*film* kien ghaddieh lill-Pulizija, ra z-zewg (2) imputati prezenti fl-Awla u f'dan il-filmat jidhru li qeghdin fil-*petrol station* tieghu u dawn bdew jghaddu flus lin-nies u dawn bdew jitfghu l-flus fil-magna. Ra ukoll liz-zewg (2) imputati jwaddbu l-flus fil-magna. Spjega illi dawn il-hames (5) karti li ghadu kif ghamel referenza ghalihom u li ghadhom kif gew muriha lilu kienu karti li ntefghu fil-magna tal-flus tieghu mill-imputati. Spjega illi l-procedura hija li meta l-flus jintefghu fil-magna, dina l-magna tifta' l-flus stekkjati u dana jkun hemm il-hin immarkat ta' meta l-flus ikunu ntefghu. Huwa mbaghad iqabbel il-filmat ma' kif ikunu stekkjati l-flus u allura jkun f'pozizzjoni li jiddetermina min ikun tefa' l-oggett ghaliex ikun qabbel il-flus li jkunu ntefghu fil-magna mal-filmat.

Spjega li fil-kaz mertu ta' din il-kawza kien hemm sitwazzjoni fejn f'hin minnhom l-imputati kienu tefghu flus fil-magna u mbaghad kienu gew terzi persuni li kienu tefghu flus, liema flus kienu flus tajbin u mbaghad wara regghu tefghu lura flus li kienu foloz, l-imputati, u huwa kien f'pozizzjoni li jiddetermina min waddab dawn il-flus.

Bhala stat ta' fatt, spjega li huwa kien f'pozizzjoni wkoll li jgharaf lill-imputati ghall-fatt illi l-imputat Joseph Mary Cardona ghandu razzett quddiem il-*plant* li hu ghandu tar-*ready mix* u lill-imputat Christian Cardona jafu ghax kien gieli jmur ghandhom l-*petrol station*. Spjega li huwa mbaghad dawna z-zewg (2) persuni f'referenza ghall-imputati, rahom fil-filmat li gibdet il-*camera* tieghu jwaddbu l-flus. Xtaq jispjega illi huwa dina s-sistema li kellu tal-filmat u ta' l-istacking tal-flus kien spjegaha lill-Pulizija tas-CID u tad-Dipartiment tal-Pulizija ta' kontra l-frodi u wkoll urihom il-filmat.

Spjega illi wkoll prezenti kien hemm Pulizija tad-distrett. Spjega fil-fatt il-Pulizija kienu marru ghandu kemm 'il darba. Spjega illi meta huwa wera l-filmati lill-Pulizija, kien hemm Pulizija li huma wkoll kienu gharfu lill-imputati. Jidhirlu li wiehed mill-Pulizija kien semma' laqam li jidhirlu li kien in-Nigma.

Huwa fuq il-filmat kien ghaddieh lill-Pulizija ta' kontra l-frodi. Spjega illi huwa lill-imputati kien rahom iwaddbu flus foloz fil-magna tieghu iktar minn hames (5) karti illi ghadu kif gie muri. Spjega li fil-fatt il-flus foloz kienu haduhom parti l-Pulizija tas-CID u parti l-Pulizija ta' kontra l-frodi.

L-istess xhud in kontro-ezami spjega illi dakinhar li l-imputati kienu poggewlu flus foloz fil-magna tieghu, l-ammont kien ta' madwar mija u ghoxrin (120) Lira Maltin. U spjega li biex jippreciza minn dan l-ammont li semma, bicciet minnhom direttament waddbuhom l-imputati fil-magna u bicciet mill-flus foloz kienu l-imputati qabdu terzi biex iwaddbuhom fil-magna. Dana fl-istess gurnata pero' f'diversi hinijiet ghaliex kien hemm hin minnhom fejn l-imputati kienu telqu minn fuq il-post u regghu marru. Jidhirlu huwa fiz-zgur ra lill-imputati jghaddu flus lil Roderick Zahra biex iwaddab dawn il-flus fil-magna tieghu. Jidhirlu dan Zahra huwa minn Haz Zebbug. Huwa kien xehed fil-proceduri kontra dan Zahra. Spjega illi huwa kien ghadda flus lill-Ispettur Martin Sammut u kif ukoll lill-Ispettur Ian Abdilla. U huwa lis-Sur Spettur Ian Abdilla kien ghaddielu wkoll il-filmat. M'huwiex cert jekk kienx mar Pulizija li kien ghadu zghir li jahdem mal-Ispettur Ian Abdilla li kien mar ghal dan il-filmat. Dan l-istess Pulizija kien ghamel lejl ghassa mal-istabbiliment tieghu ghaliex kien hemm kaz iehor fejn kien hemm tfieh ta' flus foloz u dan biex il-persuni jinqabdu fil-fatt. Spjega li oltre lil dana Zahra, l-imputati, fl-okkazzjoni mertu ta' din il-kawza ghaddew ukoll flus lil irgiel ohra pero' li ma jafhomx, izda dawn l-irgiel ohra kienu waddbu flus fil-magna. L-iskop li ntefghu dawn il-flus kien biex bihom dawn ikunu jistghu jigbdu l-*petrol*.

In kwantu ghall-van tal-imputati dana deher fil-filmat. Huwa gharfu u anke l-Pulizija gharfuh. Dak iz-zmien is-sistema li kellu ma kienitx taqbad in-numri ta' registrazzjoni tal-vetturi, pero' iva. Huwa kopja ta' dan il-filmat ma zammx. Xtaq jispjega illi s-sistema huwa ta' meta l-flus jidhlu gewwa l-magna, dina ma tidentifikax flus foloz minn dawk genwini pero' l-flus tistekkjhom. Spjega li dana l-makkinarju jimxi b'sistema li meta allura jintefaw flus, dana jimmarkalu

l-hin illi dana l-flus ikun intefa'. U mbaghad huwa jqabbel mal-hinijiet tal-filmat u allura jkun f'pozizzjoni li jiddentifika l-persuna li tkun waddbet din in-nota ta' flus partikolari. Spjega illi rigwardanti dan il-kaz meta huwa mbaghad qabbel il-flus in kwantu ghall-hinijiet li dahlu mal-filmat, oltre li kien prezenti huwa, dan l-ezercizzju sar ukoll fil-prezenza ta' hutu u anke ta' missieru. Huwa mbaghad ghamel *printout* tal-flus li ntefghu wahda wahda u spjega illi huwa ghamel din il-*printout* u ghaddieha lill-Pulizija u fuq din il-*printout* ghamlilhom ukoll sekwenza ta' kemm 'il darba l-persuni kienu marru u waddbu l-flus foloz u mmarkalhom fuq l-istess karta li kien hemm tal-*printouts*. Din ghaddieha lill-Pulizija. Dina l-*printout* ghaddieha lill-Pulizija li kien baghat l-Ispettur Ian Abdilla biex jelevawha. Spjega li huwa l-Pulizija kien ghaddielhom *video casette* u dina l-*video casette* kien ghaddieha lill-istess Pulizija li huwa kien ta ukoll il-*printout*.

Illi nhar l-4 ta' Frar, 2013 xehed l-**Ispettur Ian Joseph Abdilla** u saritlu referenza ghal xi filmat li certa Joseph Falzon li ghandu Petrol Station, Haz-Zebbug kien ghadda lill-Pulizija tas-CID u tad-Dipartiment ta' kontra l-frodi. Mistoqsi jekk hu jafx b'dan is-CD, ghandux kopja tieghu u ghandux idea fuq x'hiex qeghdin jitkellmu, spjega li cosi' su due piedi ma setghax jghid iva jew le, ma ccekjax u jekk il-Qorti ttih cans kien jiccekja. Hu bazikament ma' Falzon, u mal-Petrol Stations l-ohra jahdem hafna kull meta jkollhom xi kazijiet ta' flus foloz ghax hafna drabi jcemplu lilu u jghaddulu s-CD's. Mistoqsi jekk iridx forsi mela jtuh id-dettalji huwa spjega li jekk hu jiehu d-data tal-incident, id-dettalji ghal darb'ohra setgha jghid iva jew le. Id-Difiza spjegat li dan l-incident allegatament jirreferi ghal xi haga li sehhet fit-tletin (30) ta' Gunju 2005 u fil-granet ta' wara skond l-akkuza.

Illi nhar it-2 ta' Frar, 2016 xehed l-**imputat Joseph Mary Cardona** b'mod volontarju u saritlu referenza ghall-istqarrija li huwa kien irrilaxxja u li tinsab esebita fl-atti immarkata bhala dokument MSA5 a fol. 19. Spjega illi effettivament huwa minnu li dakinhar wara li kien ghalaq il-hanut tieghu kien

ha d-*diesel* mill-pompa tal-*petrol* li tinsab Haz-Zebbug kif jaghmel is-soltu. Huwa effettivament ghandu hanut tal-laham il-Mosta u huwa jghix is-Siggiewi.

Huwa filfatt imur jixtri d-*diesel* minn din il-pompa tal-*petrol* xi darbtejn fil-gimgha ghax hija triqtu mill-Mosta jibqa' sejjer minn Haz-Zebbug ghas-Siggiewi u ghalhekk il-flus li kellu dakinhar huma flus tal-bejgh tal-laham li jaghmel. Flus li jigbor filghaxija mieghu johodhom id-dar. Mistoqsi jekk huwa qattx ra l-filmat spjega li le ma rahx u mistoqsi jekk effettivament hemmx il-*cameras* fil-Falcon Service Station spjega li huwa jaf li hemm cameras.

Huwa minnu wkoll li huwa probabbilment kien mat-tifel tieghu Christian ghaliex ikun mieghu l-hanut. Jiftakar ukoll li dakinhar kien ta il-flus lit-tifel, kien gabarhom minn gol-but u mar tefaghhom fil-magna. Naturalment dar la genba fuq is-*seat* biex johrog il-flus mill-but. Il-van BAC-076 Toyota Van huwa dak li juza ghax-xoghol regolarment.

Spjega li effettivament kien tah hmistax (15)-il lira biex jitfa' ghaxar (10) liri fil-van u hames (5) liri fil-*jerrycan* biex juzah fil-*generator* tar-razzett. Il-*jerrycan* dejjem izommu mieghu u dan ghaliex meta tkun vojta jerga' jimliha. Spjega li filfatt il-flus kienu hames (5) lirijat, pero' mhux cert minn dan lanqas illum, ilu hdax (11)-il sena. Il-hanut tal-Mosta llum m'ghadux ghandu u issa ghandu wiehed Hal Qormi.

Ma jiftakarx effettivament jekk il-*fuel* tal-*jerrycan* intuzax ghall-*generator* jew ghat-Toyota bajda l-ohra, il-vettura l-ohra li ghandu. Effettivament meta huwa gie muri xi flus mill-Ispettur spjega li ma kienx gharafhom ghax kieku kien jaghrafhom ma kienx jaccettahom fl-ewwel lok. Filfatt lill-Ispettur kien qalilha li ma kienux flus tieghu u filfatt kienet l-Ispettura stess li bdiet tghidlu kif kellu jaghraf il-flus jekk humiex tajbin jew le. Filatt dakinhar kellu somma flus fuqu u firxuhom fuq l-iskrivanija tal-Ispettur u ma sabux wahda falza u bdiet taghmel hekk biex turih indikazzjonijiet ta' flus foloz. Dak iz-zmien lanqas kellu magna

biex jiccekkja l-flus jekk humiex foloz jew le. Huwa kkonferma l-kontenut ta' din l-istqarrija fl-intier taghha.

Illi nhar it-2 ta' Frar, 2016 xehed **Christian Cardona** u spjega li huwa jigi t-tifel tal-imputat Joseph Mary Cardona. Huwa minnu li huwa rrilaxxa stqarrija li tinsab inserita fl-atti Dok MSA6. Spjega li effettivament huwa minnu wkoll li dak li qal missieru fil-pedana tax-xhieda llum ghaliex huwa kien prezenti u kkonferma l-kontenut ta' dak li qal u huwa kkonferma wkoll l-istqarrija li kien irrilaxxa dakinhar. Huwa minnu li dak iz-zmien kien ikun mal-papa' tieghu l-hanut jahdem mieghu u jaqdu lin-nies minn filghodu sa filghaxija. Ix-xiri tal-laham pero' f'idejn missieru. Huwa kien ikun hemm xi xirja jwassalha fid-dar ta' xi hadd bhala *helper*. Il-hanut tal-laham taghhom kien ikun miftuh il-gurnata kollha.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami spjega li huwa ma kienux jigu flus f'idejh, huwa kien biss jaghmel id-*delivery* tal-kaxxa bil-laham li jkun xtara dak li jkun. Dakinhar meta huwa kien mal-papa' fil-van gej mix-xoghol waqfu Haz-Zebbug biex jixtri l-*petrol*. Dakinhar missieru tah il-flus mill-but, huwa nizel biex itihom il-magna biex jimlew il-karozza u l-van, il-*jerrycan* li kien hemm. Huwa jaf li kellu proceduri ohrajn il-Qorti ghadhom *sub judice* u dawn il-proceduri li ghandu pendenti m'humiex fuq kwistjoni ta' flus foloz huma kawzi li ghandhom x'jaqsmu mar-ragel t'ohtu ghax ghandhom l-inkwiet bejniethom.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fi-qosor li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti:

l. Il-Pulizija tad-Distrett ta' Hal Qormi kienet irceviet rapport minghand id-dirigenti tal-pompa tal-petrol li hija sitwata fi Triq l-Imdina, Zebbug u appuntu minghand certu Henry Falzon u Joe Falzon bhala Diretturi tal-kumpanija Falcon Limited li kienu qed isibu diversi karti tal-flus foloz fil-magna li taghti l-petrol.

2. Spjegaw li huma ghandhom CCTV camera fuq il-magna fejn jintefghu il-flus u din tiehu il-hin tat-transazzjoni u l-ammont tal-flus li jkun gie depositat u tindika il-persuna taghmel din it-transazzjoni.
3. Illi a bazi ta’ dan ir-rapport l-Ispettur flimkien mal-pulizija tad-Distrett u l-Ispettur Ian Abdilla tal-Economic Crimes investigaw dan ir-rapport u sabu li l-flus li gew mghoddija lilhom mis-sinjuri Falzon kienu fil-fatt foloz.
4. Illi l-pulizija investigat lill-imputati li gew identifikati fl-Awla pero’ mir-rilaxx ta’ l-istqarrijiet taghhom ma rrizulta l-ebda ammissjoni dwar partecipazzjoni minn naha taghhom fil-prezentata tal-allegat flus foloz fil-magna tal-pompa tal-petrol.
5. Illi l-pulizija ghamlet ukoll tfittixija fuq il-persuna ta’ Joseph Mary Cardona u sabet li kellu flus fuqu, pero’ li ma kinux foloz u fuq l-persuna ta’ Christian Cardona ma sabu xejn.
6. Ghamlu wkoll tfittixija ohra fil-proprjeta’ ta’ Joseph Mary Cardona s-Siggiewi f’razzett li wkoll tat rizultat negattiv ghall-prezenza ta’ flejjes foloz.
7. Illi l-imputati minnufih kkonfermaw li kienu waqfu fil-pompa tal-petrol biex jixtru id-diesel u dan ghaliex hija l-pompa li hemm fi triqthom u fil-fatt jghidu li kienu jieqfu jixtru minn hemm ta’ sikwit u taw spjegazzjoni ta’ kif effettivament spicca jpoggi il-flus fil-magna Christian minkejja li kien izommhom Joseph Mary Cardona fil-but tieghu.
8. Interessanti pero’ li dan l-allegat filmat li allegatament kienu raw il-pulizija qatt ma ntwera lill-imputati u addirittura lanqas ma gie esebit il-Qorti sabiex isahhah it-tesi tal-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputati odjerni.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi f’din-kawza l-prosekuzzjoni resqet lil Joseph Falzon jixhed u jghid kif effettivament kien sab il-flus foloz fil-magna tal-flus tal-petrol station u li wara li kien ra l-filmat ikkonkluda li effettivament kienu l-imputati li qed ipoggu flus foloz fil-magna tal-pompa tal-petrol. Jghid ukoll li kien sab diversi karti li kienu foloz u dan fuq medda ta’ zmien. Jghid li effettivament lill-imputat Joseph

Mary Cardona rah fil-camera recording jitfa' l-flus foloz fil-magna u anke jaghti flus lil terzi persuni sabiex juzawhom ukoll. Dan pero' mhux korroborat minn dak li qalu l-pulizija fix-xhieda taghhom u dan ghaliex jghidu li l-ammont ta' flus li instab kien ferm izghar u inoltre hadd ma jghid li Falzon qallu li effettivament kien qed jghaddi flus lil terzi persuni biex jaghmlu uzu minnhom. Kien ghalhekk importanti li l-prosekuzzjoni esebiet dan l-allegat filmat li juri dak li effettivament allegatament xehed dwaru Joseph Falzon. Cio' nonostante pero' baqa' ma gie qatt esebit u anke meta tressaq jixhed is-Supretendent Ian Abdilla dan ma ftakar xejn fuq il-kaz partikolari u dan ghaliex ittellgha jixhed *su due piedi* meta ma kienx ppreparat u qatt ma rega' tressaq sabiex jixhed bil-*working file* quddiemu.

Jinghad ukoll li meta xehdet l-Ispettur Maria Stella Attard u spjegat kif tahdem il-magna u cioe' li jkun hemm registrat il-hin ta' min jaghmel id-deposit tal-flus u n-natura tal-flus u l-persuna fil-filmat jaghmel din it-transazzjoni, il-Prosekuzzjoni messha talbet in-nomina ta' espert sabiex jixhed u jispjega kif tahdem il-magna. Mhux kontestat li effettivament instabu xi flejjes li kienu foloz fil-magna kif ikkonferma ir-rapprezentant tac-Central Bank Joseph Bonnici pero' dak li qed jigi kontestat mid-difiza huma l-akkuzi odjerni.

Illi l-pulizija l-iehor li xehed u cioe' PC 1104 Silvio Spiteri kien gharaf biss lill-imputat Joseph Mary Cardona fl-allegat filmat li kien ra u dan ghaliex kien jafu bil-hanut tal-laham li ghandu. Jghid li dan kien fil-presenza ta' persuna ohra li ma gharafhiex. Jghid li kien hemm persuna ohra fil-filmat pero' ma jghidx dak li qal Falzon u cioe' li ra lill-imputati ipoggu flus fil-magna u li iqassmu flus foloz lil terzi. Anzi jghid li Joseph Mary Falzon fil-video jidher darba biss u minkejja dan, l-Avukat Generali ghogbu jakkuza lill-istess imputat Joseph Mary Cardona bl-Artikolu 18 u cioe' bir-reat kontinwat.

Illi fl-ewwel lok il-Prosekuzzjoni akkuzat lill-imputati bir-reat kif dispost fl-Artikolu 45 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li ffalsifikaw bil-

biljetti tal-flus u li mexxew dawn l-istess flus falsifikati meta kienu jafu li kienu hekk falsifikati.

Minkejja li l-akkuza addebitata lill-imputat hija dik ta' pussess ta' flejjes foloz, hawnhekk l-legislatur ikkwalifika tali pussess fis-sens li l-possessur irid ikun koxxjenti tal-falsita' taghhom, jigifieri ma hux bizzejjed li jigi ppruvat li l-flejjes huma tassew foloz, izda li l-possessur kien jaf li kienu flejjes foloz. Illi ghalhekk minkejja li mhux kontestat li l-flejjes li gew mghoddija lill-pulizija esekuttiva u sussegwentement gew pprezentati il-Qorti kienu foloz, il-prosekuzzjoni naqset li tipprova b'mod sodisfacenti fl-ewwel lok li l-flus li gew esebiti l-Qorti kienu f'xi zmien fil-pussess tal-imputati u inoltre, fit-tieni lok f'kaz li kienu, kellha wkoll tipprova li l-imputati kienu jafu dwar il-falsita' taghhom.

Illi mill-provi prodotti ghandha l-istqarrija tal-imputati rilaxxjata a tempo vergine ta' l-investigazzjoni fejn cahdu l-involviment taghhom f'din il-vicenda fis-sens li ghamlu uzu minn xi flejjes foloz u fit-tieni lok hadd mix-xhieda li resqet il-prosekuzzjoni ma qalet li raw lill-imputati bil-flejjes foloz f'idejhom u li kienu jafu li l-flejjes kienu foloz.

Ghalekk din l-akkuza zgur li ma tistax tirrizulta lanqas remotament.

Fit-tieni lok l-imputati gew akkuzati bir-reat kif dispost fl-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 fis-sens li rcevew flejjes foloz minghand terzi persuni u zammewhom fil-pussess taghhom minghajr skuza legittima jew ragonevoli.

Hawnhekk il-Prosekuzzjoni kellha tipprova li l-hames karti foloz esebiti l-Qorti f'dawn il-proceduri f'xi zmien kienu fil-pussess tal-imputati, haga li setghet facilment taghmel kieku gie esebit u gie provat dak li s-Sur Falzon qal u cioe' li mill-camera recording kellu ndikat il-hin li fih gew mitfugha l-flus foloz fil-

magna u fl-istess hin hemm muri r-ritratt tal-imputat bl-istess hin. Fin-nuqqas ta' tali provi din it-tieni akkuza wkoll ma tirrizultax provata.

Fit-tielet lok gew akkuzati bir-reat ta' frodi kif kontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Hawnhekk ukoll l-Prosekuzzjoni trid tipprova ghar-reat ta' frodi li l-imputati ghamlu dak li ghamlu sabiex iqarqu bis-sidien tal-pompa. Jinghad li ghalhekk il-Prosekuzzjoni ghandha tipprova li l-imputati inqdew b'ingann jew kwalifika falza sabiex ottjenew id-diesel. Jinghad li effettivament jirrizulta li l-imputati verament xtraw id-diesel u li effettivament halsu ghalih. L-imputati jghidu li halsu b'mod regolari kif ghamlu f'diversi okkazjonijiet ohra u fl-ebda hin ma jirrizulta li wzaw xi kwalifika falza sabiex gieghlu titwemmen l-intrapriza ta' haddiehor. Huma jghidu li marru jixtru d-diesel kif dejjem ghamlu u li halsu ghalih b'mod regolari. Id-diesel inghata lilhom taht l-ebda premessi izda skond il-pagament li ghamlu. Ghalhekk din it-tielet akkuza ta' frodi wkoll ma tirrizultax provata.

Fir-raba' kaz l-imputati huma akkuzati bir-reat ta' serq ta' diesel. Il-prosekuzzjoni ghall-ezistenza ta' dan ir-reat ghandha tipprova li l-imputati hadu oggett li jappartjeni lil terz kontro jew minghajr l-volonta' tieghu u dan bil-ghan li jaghmlu lukru. Fil-fatt jekk wiehed jezamina l-elementi tal-kuncett ta' serq kif deskritti minn **Carrara** fil-ktieb tieghu *Programma Speciale Vol. IV para. 2017*, kif anke konfermati fis-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija v M Tanti'** deciza fid-disgha (9) ta' Dicembru ,1944:

*"Il furto e' la contrattazione dolosa della cosa altrui fatta invito domino con animo di farne lucro."*

Ghalhekk jirrizulta li l-elementi ta' dan ir-reat huma:

1. il-contrectatio tal-haga;
2. li tappartjeni lil terzi;

3. maghmula b'mod frawdulenti;
4. minghajr il-kunsens tas-sid; u
5. animo lucrandi.

Il-mens rea ta' dan ir-reat mhux kostitwit b'semplici intenzjoni li tiehu izda anke bl-intenzjoni li taghmel akkwist '*animo lucrandi*'.

Issa jekk tezamina dak li ghamlu l-imputati zgur li ma jirrizultax li huma ghamlu xi akkwist fis-sens li jirrikjedi dan ir-reat. L-akkwist li ghamlu l-imputati kien li xtraw xi diesel u dan zgur li ma jammontax ghall-*animo lucrandi* li trid il-ligi.

Fil-fatt kif ighid l-**Antolisei** fil-ktieb tieghu **Manuale di Diritto** *Penale 1977 edizione pagina 212 para. 47* :

"*e' pacifica che il danno esplicitamente o implicitamente richiesta per l'esistenza del delitto in esame, deve essere patrimoniale ....... e' danno lo deminutio patrimonii vale a dire la diminuzione del complesso dei valori che compongono il patrimonio. Poiche il contenuto del patrimoniale e' costituito attivita' (cose e crediti) e da passivita' (debiti) e' ben naturale che il detto danno possa consistere cosi nella riduzione delle prime come nell'incremento delle seconde.*"

Fil-kaz prezenti jirrizulta li effettivament l-imputati verament kellhom pusess tad-diesel pero' dan il- pusess kien wiehed legittimu peress li kien inxtara minnhom. Ghalhekk zgur li l-imputati m'ghamlu l-ebda lukru kif imfisser fil-ligi u din ir-raba' akkuza ma tirrizultax provata.

Fil-hames kaz l-imputati huma akkuzati bir-reat ta' ricettazzjoni ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif tajjeb gie spjegat fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Flippa Fenech'** deciza mill-Qorti tal-Appelli

Kriminali nhar it-8 ta' Mejju, 1937 sabiex jinghad li l-akkuza ta' ricettazzjoni tigi provata, hemm bzonn li jirrizultaw sodisfacentement is-segwenti rekwiziti:

1. Illi l-oggett li jkun imsemmi fil-kaz ikun gej mill-kummissjoni ta' reat.
2. Illi l-akkuzat jkun jew irricetta jew xtara dan l-oggett.
3. Illi l-imputat kien jaf li illi l-oggett kien ta' provenjenza illeggittima. Dwar ix-xjenza rikjesta ghall-provenjenza illegittima, dan id-dolo li huwa dak specifiku tad-delitt ta' ricettazzjoni jista jigi dezunt mic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Dwar l-ewwel element u cioe' il-flus foloz ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet ghaliex l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-oggetti mertu tal-kaz (il-flus foloz) kienu gejjin minn attivita` kriminali u cioe` mill-falsifikazzjoni pero' l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova kemm li l-flejjes kienu f'idejn l-imputati u ghalhekk wisq inqas ipprovat li l-imputati kienu jafu bil-provenjenza llegali taghhom.

Dwar ix-xjenza rikjesta l-Qorti ssostni li dik ix-xjenza trid tkun wahda generika li tirrigwarda provenjenza kriminuza u mhux wahda li tirreferi ghad-dettalji specifici tar-reat principali u f'dan il-kaz zgur li ma tirrizultax. Dan ir-reat ghalhekk ma jissussistix.

**Konsegwentement ghalhekk din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 18, 308, 309, 310 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lill-imputati JOSEPH MARY CARDONA u CHRISTIAN CARDONA hatja tal-akkuzi u tilliberhom minnhom.**

**Cio' nonostante peress li l-flejjes li gew depositati l-Qorti huma foloz kif mistqarr minn Joseph Bonnici, wara li rat l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-flejjes esebiti f'dawn l-atti mill-Ispettur Maria**

**Stella Attard nhar it-22 ta' Frar 2006, immarkati bhala Dok MSA 7 jigu konfiskati u depositati fil-Laboratorju tax-Xjenza Forensika bhala depositu centrali tal-flejjes barranin foloz misjuba hawn Malta.**

**Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai fini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9, stante li din il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati ta' dan ir-reat.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**